MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 75/1996/1

**Enemalta Corporation**

**-vs-**

**Avukat Dottor Victor Bajada, Victor Portelli, Maurice Borg u John Spiteri**

Il-Qorti;

Rat l-avviz fejn l-Korporazzjoni attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhalsuha s-somma ta' erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin (Lm458) rapprezentanti danni minnhom ikkagunati f'proprjeta' tal-Korporazzjoni fi Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex fl-1 ta' Novembru 1993.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Ottubru 1995 oltre ghall-imghax legali min-notifika ta' l-ittra ufficjali sa l-

effettiv pagament kontra l-konvenuti ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha Dr Victor Bajada, Victor Portelli, Maurice Borg u John Spiteri fejn eccepew:

Illi d-domanda attrici hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt billi l-konvenuti m'huma bl-ebda mod responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-Enemalta Corporation kif espost fl-avviz odjern.

Ghalhekk it-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju x-xoghol in kwestjoni sar minn Buhagiar Brothers ta' Plot 15, Ghajn Lukin Street, Xaghra, Gozo u l-konvenuti personalment m'ghamlu ebda xoghlijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti (folio 44) li biha eccepew il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti fost eccezzjonijiet fuq il-meritu eccepew ulterjorment il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Fin-nota ta' osservazzjonjiet taghhom ittrattaw dan il-punt tal-preskrizzjoni sollevat minnhom.

Illi l-Qorti ser tinvesti dan il-punt l-ewwel billi jekk jirrizulta fondat allura tkun tista' tieqaf hemm billi l-meritu f'kull kaz ikun jinsab ezawrit.

Illi mill-provi jirrizulta li l-allegat dannu mill-konvenuti lis-socjeta' attrici sehh fl-1 ta' Novembru 1993 u kien jirrigwarda hsara fis-sistema tad-dawl ikkawzata meta ntlaqat 'cable' tad-dawl tal-Korporazzjoni li kien ghaddej biswit porzjon art proprjeta' tal-konvenuti liema art kienet qeghdha tigi zviluppata.

Issa jirrizulta ben car illi l-avviz gie prezentat aktar minn tliet snin wara l-akkadut u precizament fl-10 ta' Dicembru 1996 u nghad fid-domanda ghall-ispejjez li kien hemm ittra ufficjali kontra l-konvenuti datata Ottubru 1995. Fil-kors tal-proceduri, pero', rrizulta li l-ittra ufficjali kienet intbaghtet mill-Korporazzjoni fis-6 ta' Novembru 1995 u cioe' oltre s-sentejn tal-perjodu preskrittiv imsemmi fl-Artikolu 2153 tal-Kap 16 u dan meta s-socjeta' attrici kienet taf mill-inqas minn Mejju ta' dik is-sena minn kienu l-proprjetarji tal-art biswit il-cable li kien gie danneggjat.

Illi huwa pacifiku li hu dan l-Artikolu 2153 tac-citat Kap li jirregola l-preskrizzjoni.

Illi s-socjeta' attrici sostniet li l-preskrizzjoni giet interrotta bl-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru 1995 stante illi ghalkemm ipprezentata wara t-terminu ta' sentejn giet notifikata entro x-xahar imsemmi fl-imsemmi artikolu.

Illi din il-Qorti ezaminat l-artikoli rilevanti u ma ssib xejn x'izzid ma' dak sottomess mill-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom.

Ghalhekk qeghdha tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16. L-ispejjez jibqghu fl-intier a karigu tas-socjeta' attrici.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------